5 ta' Ottubru, 1998

Imhallfin:-

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Alfred Borg

*versus*

Joseph Debono

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u laqgħet it-talbiet fil-kontrotalba tal-konvenut.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'dan l-att taċ-ċitazzjoni biex il-konvenut jiġi ddikjarat responsabbli għall-inċident stradali li fih kien involut u għad-danni konsegwenzjali:

L-attur wara li ppremetta:

Li fl-1 ta' Awissu, 1988, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza tiegħu Van Isuzu Y-1508 minn Triq San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, baqa' diehel fuq il-karozza Marina G-5466, proprjetà tiegħu li kienet misjuqa minnu u kkaġunalha ħsara u, inoltre, imbuttaha fuq karozza oħra Toyota *pick-up* S-8436 u, konsegwentement, huwa sofra danni konsiderevoli;

Li għal dan l-inċident jaħti unikament l-istess konvenut, liema inċident ġara minħabba negliġenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan;

Li l-konvenut qed jirrifjuta li jaċċetta r-responsabbilità għall-inċident;

Talab li l-istess konvenut jgħid għaliex, għar-raġunijiet premessi, dina l-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjarah responsabbli għall-inċident fuq riferit u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti minnu;

Tikkundannah iħallsu s-somma ta' elf u sitta u erbgħin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm1,046.55,0) rappreżentanti d-danni sofferti minnu;

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

Illi t-tieni talba hija nulla u nsostenibbli għaliex l-istess attur ma ressaqx talba *ad hoc* għal-likwidazzjoni tad-danni allegatament pagabbli lilu u, kwindi, ma tista' tiġi avanzata l-ebda talba għall-kundanna ta' ħlas ta' danni;

Illi, inoltre, fil-meritu, l-inċident in parola ġara unikament minħabba t-tort u t-traskuraġni ta' l-istess attur";

Il-konvenut fl-istess proċedura intavola s-segwenti kontro-talba biex jiġi ddikjarat li kien l-attur li kien responsabbli għall-inċident meritu tal-kawża u għad-danni konsegwenzjali li hu sofra:

"Il-konvenut, wara li ppremetta li, filwaqt li kien qiegħed isuq il-karozza numru G-5468 tal-marka Marina, proprjetà

tiegħu, fl-1 ta' Awissu, 1988, ġewwa Triq San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, l-attur, bi traskuraġni, imprudenza u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, ħabat fil-van numru Y-1508, tal-marka Isuzu, misjuq minnu u proprjetà tiegħu u kkaġuna dani nġenti fl-imsemmija vettua; li, nonostante li l-attur ġie interpellat biex jersaq għall-ħlas tad-danni hekk minnu kkawżati, huwa baqa' inadempjenti;

Talab li l-attur, għar-raġunijiet premessi, jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara lill-attur unikament responsabbli għall-inċident stradali ta' l-1 ta' Awissu, 1988, fuq imsemmi u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-konvenut;

Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

Tikkundanna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenut *nomine*, in linea ta' danni, is-somma illi tiġi llikwidata minn din il-Qorti, kif fuq ingħad; bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Settembru, 1988, kontra l-attur, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni";

L-attur eċċepixxa għal din il-kontro-talba li t-talbiet fiha kkontenuti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kollhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tas-17 ta' Frar, 1995, iddeċidiet il-kawża billi, prevja adozzjoni tar-rapport peritali ta' l-espert minnha nnominat, ċaħdet it-talbiet attriċi u laqgħet il-kontro-talbiet tal-konvenut u hekk ikkundannat lill-attur iħallas lill-konvenut is-somma ta' Lm569.10c in linja ta' danni, bl-ispejjeż jitħallsu mill-attur;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat id-deċiżjoni tagħha:

"Dan huwa inċident stradali li ġara fl-1 ta' Awissu, 1988, kmieni wara nofs in-nhar; l-attur kien qiegħed tiela mix-Xemxija sejjer lejn il-Mellieħa u l-konvenut kien isuq fid-direzzjoni opposta, nieżel mill-Mellieħa lejn ix-Xemxija u l-vetturi ħabtu viċin it-triq l-antika li kienet tieħu għal Selmun;

Il-perit legali jgħid li waqt l-aċċess irriżulta li filwaqt li fil-parti fejn waqaf il-van tal-konvenut, it-triq hi verament wiesgħa 10.4 metri, kif indikat fl-iskizz tal-Pulizija, aktar 'il fuq din tidjieq u, fil-parti fejn ġara l-inċident, il-wisa' tagħha hija biss 8 metri. Huwa jżid jirrileva li din id-differenza fil-wisa' tirriżulta ukoll b'mod indirett mill-istess skizz għaliex bejn il-punt B u l-ġenb tal-lemin tal-vettura ta' l-attur hemm distanza ta' 3.8m, inkluż il-ħajt u hemm ukoll 0.6m, bejn il-vettura ta' l-attur u l-*white lines* - total ta' 4.4m u meta titnaqqas il-ħxuna tal-ħajt jifdal ftit inqas minn 4 metri - tlettax-il pied kull karreġġata;

Kostatazzjoni oħra magħmula mill-perit hija li t-triq anqas mhi dritta għaliex is-*centre strip* hi kurva u, inoltre, fuq in-naħa minn fejn kien ġej il-konvenut hemm linja li ddur fuq ix-xellug tiegħu;

Il-kontendenti fil-kawża qegħdin jixħtu l-ħtija ta' l-inċident fuq xulxin għaliex jikkontendu li l-parti l-oħra qabżet il-*white lines* u kkaġunat il-kolliżjoni;

L-attur xehed li kien għat-telgħa isuq wara van mgħobbi bl-għamara u f'ċertu ħin iddeċieda li jagħmel sorpass. Hekk kif ġie ma' ġenb dan il-van, ġie l-konvenut mill-faċċata u saret il-ħabta u l-vettura tiegħu waqfet mad-daqqa. Huwa jgħid li fl-ebda ħin ma qabeż il-linja medjana;

Il-konvenut jagħti versjoni differenti fir-rigward ta' dan l-aħħar punt. Huwa xehed li kien qiegħed isuq qrib il-*white lines* meta ra lill-attur tiela' u qed jaqbeż vettura oħra. Jgħid però li l-attur qabeż il-linja bajda b'xi żewġ piedi;

L-attur ipproduċa bħala xhud lil Martin Jones u dan xehed li ra l-inċident jiġri billi kien qiegħed isuq wara l-attur. Huwa kkonferma li l-attur qatt ma qabeż il-linja bajda, mentri l-konvenut kien 'il barra mill-karreġġata tiegħu;

Xehdu ukoll P.S. Lawrence Portelli u P.C. George Sammut. Dan ta' l-aħħar xehed li l-*brake marks* tal-konvenut kienu kemm kemm jissuperaw il-linja l-bajda; mentri Sammut xehed li l-*brake marks* kienu jissuperaw il-*white line* u xehed ukoll illi bejn il-lemin tal-karozza ta' l-attur u l-*white lines* kien hemm distanza ta' 0.6 metri, ċjoè żewġ piedi ċirka;

Fir-rigward ta' dawn il-*brake marks*, il-konvenut jgħid li mhumiex tiegħu u xehed li qal dan lill-pulizija;

Jirriżulta li l-ħsara li ġarrbet il-vettura ta' l-attur kienet fuq il-lemin mill-bieba tas-sewwieq b'lura sa wara nett, inkluż il-*bumper* ta' wara, mentri l-ħsara riportata fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq il-lemin, mal-*bonnet* tal-bieba tas-sewwieq;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali wasal għall-konklużjoni li dan l-inċident ġara għaliex l-attur invada l-karreġġata tal-konvenut. Din il-konklużjoni huwa jibbażaha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet. Li l-ħabta saret waqt li l-vettura ta' l-attur kienet qiegħda taqta' van Toyota u kienet biswietha. Dan il-van huwa wiesgħa sitt piedi ċirka u l-Marina ta' l-attur hi wiesgħa ħames piedi u nofs, ma' dan il-kejl wieħed irid iżid distanza minima ta' żewġ piedi

bejn il-ħajt tax-xellug u l-istess Toyota u żewġ piedi u seba' pulzieri bejn it-Toyota u l-attur (dok. GS1). Dan ifisser li l-ġenb tal-lemin tal-vettura ta' l-attur waqt li kienet qiegħda taqbeż it-Toyota kien, bħala minimum, almenu sittax-il pied 'il barra mill-ħajt. Kwindi, tenut kont li l-karreġġata tan-naħa ta' l-attur hi wiesgħa tlettax-il pied, toħroġ waħedha l-konklużjoni li l-vettura ta' l-attur oltrepassat il-linja medjana b'almenu tnejn jew tliet piedi;

Wara li stabbilixxa din il-prova fattwali, il-perit legali għadda biex jikkunsidra jekk kienx hemm kontributorjetà da parti tal-konvenut u l-konklużjoni tiegħu hija li dan ma kienx il-każ. Fl-ewwel lok, huwa jagħmel ir-riljev li la darba jirriżulta li l-attur invada b'żewġ piedi żgur il-karreġġata tal-konvenut, mhix ħaġa possibbli li anke l-konvenut kien *wrong side*. Fir-rigward tal-*brake marks*, huwa jgħid li l-angolazzjoni stess tagħhom tindika li mhumiex tal-konvenut u, inoltre, s-surġent u l-kuntistabbli xehdu t-tnejn li huma ma ħadux il-kejl tal-*brake marks* u li niżluhom fl-iskizz għaliex rawhom b'għajnejhom. Minħabba, dan il-konvenut mill-bidu kkontesta li dawn il-*brake marks* kienu tiegħu;

Għalhekk il-konklużjoni finali tal-perit legali hija li meħud in konsiderazzjoni dan kollu, l-inċident in kwistjoni ġara unikament minħabba tort imputabbli lill-attur u, konsegwentement, it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu respinti mentri l-kontro-talba tal-konvenut għandha tiġi akkolta;

Ikkunsidrat:

Li l-perit legali għadda biex jillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenut fis-somma komplessiva ta' Lm569.10. Dan l-ammont jinsab ġustifikat b'dokumenti li ġew esebiti u jaqbel ukoll mas-*Survey Report* esebit bħala Dok.

B (fol. 125). Għandu jingħad ukoll illi ma saret l-ebda kritika da parti ta' l-attur fir-rigward ta' l-ammont likwidat in linea ta' danni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li l-fattur determinanti f'dan l-inċident kienet ir-riżultanza li l-attur invada l-karreġġata tal-konvenut waqt li kien qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass;

M'hemm l-ebda dubbju li fil-każ *de quo* ir-regolament tal-*Highway Code* huwa ta' mportanza massima. L-aktar regola rilevanti għal dan il-każ hija dik kontenuta fil-paragrafu 62 li jgħid "*never overtake unless you know that you can do so without danger to yourself or others ...*";

Imbagħad, fil-paragrafu 65, wieħed isib eżempji fejn wieħed għandu jevita li jagħmel sorpass, u, fost dawn, hemm indikat li s-sorpass m'għandux isir f'telgħa;

Illi, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-attur għandu jinżamm unikament responsabbli għall-inċident *de quo* talli: (1) għamel sorpass bla ma kien qiegħed jara li ma jkunx ta' perikolu għall-utenti l-oħra tat-triq kemm fl-istess direzzjoni u kemm dawk ġejjin mid-direzzjoni opposta - kif kien ġej il-konvenut; (2) qabeż il-*white line* li hemm f'nofs it-triq b'aktar minn żewġ piedi; (3) għamel sorpass bla ma ra dak li kien *in plain view*; (4) għamel sorpass f'telgħa;

Din il-Qorti, għalhekk, qiegħda taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet tal-perit legali u abbażi ta' l-istess u ta' dawk hawn fuq imsemmija qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-kontro-talba tal-konvenut hija legalment

ġustifikata";

Appella minn din is-sentenza l-attur b'rikors għal kollox insolitu li waqt li ftit li xejn huwa kritiku tal-konsiderandi ta' l-Ewwel Qorti, jikkonċentra l-aktar, u kważi esklussivament, fuq in-nuqqasijiet li jeżistu fl-amministrazzjoni tal-Qorti u fid-diffikultajiet li jsostni li sab biex isegwi d-diversi rikorsi u proċeduri li hu ttanta jagħmel biex jiġi assigurat li l-Qorti *tistabbilixxi bi preċiżjoni f'liema tratt tat-triq ġara l-inċident.* Infatti, l-uniku paragrafu fir-rikors ta' l-appell li fih jesprimi aggravju fil-meritu hu s-segwenti:

"*Mill-assjem ta'* dawn il-fatti u ċirkostanzi hawn fuq deskritti jidher ċar u inekwivoku li l-esponent ġie ppreġudikat serjament fid-difiża tiegħu kontra l-konklużjonijiet kontenuti fir-rapport peritali, kif ġie ppreġudikat ukoll mill-fatt li l-perit legali mar fil-parti żbaljata tat-triq. L-esponent minħabba komplikazzjonijiet *li nħolqu inutilment* wara *l-preżentata tar*-rapport, ġie prekluż milli jressaq sewwa l-lanjanzi tiegħu u, safejn kien irnexxielu jaċċenna għalihom lill-Qorti, l-Ewwel Onorabbli Qorti - għalkemm ġiet a konoxxenza tagħhom u ħasset *li jirrikjedu* investigazzjoni ulterjuri - ma ssiguratx li l-ordni tagħha effettivament wasal lill-esponent, kif fil-fatt ma wasalx. B'hekk l-esponent, li fl-inċident ġie mbuttat lura għal fuq vettura oħra fil-karreġġata tiegħu minħabba l-impatt mal-vettura tal-konvenut, spiċċa fil-posizzjoni li jrid ibati d-danni *inġenti tiegħu u jħallas ukoll id-danni* nġenti *tal-*konvenut minbarra d-danni tat-terz";

Anke minn dan il-paragrafu li hu tista' tgħid l-uniku *wieħed li b'xi mod ikkritika l-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li* sabet li l-appellant kellu jiġi ritenut responsabbli għas-sinistru, b'diffikultà jista' wieħed jasal jidentifika f'hiex u fejn preċiżament ħassu ppreġudikat l-attur bl-analiżi li għamlet l-

Ewwel Qorti u l-perit legali tad-dinamika ta' l-inċident. Indirettament wieħed jasal biex jgħid li l-appellant isostni illi kieku kellu l-opportunità li juri li l-inċident, skond hu, ġara f'parti oħra tat-triq minn dik li stabbilixxa l-perit legali, kieku l-konsiderazzjonijiet ta' l-istess perit legali u ta' l-Ewwel Qorti li wasslu biex jaddebitawlu responsabbilità esklussiva għall-inċident kienu jisfaw kollha bla bażi;

Issa dan jista' jkun jew jista' ma jkunx argument validu. Żgur li ma hemm xejn fil-provi li b'xi mod jitfa' dubbju fuq fejn preċiżament ġrat il-ħabta, jew li l-ħabta setgħet ġrat aktar 'il fuq jew aktar 'l isfel fit-triq, jew li l-perit legali seta' ma kienx preċiż fl-eżami eżawrijenti tiegħu tal-konfigurazzjoni tat-triq u fil-kalkoli matematiċi bbażati fuq il-kejl u fuq il-qisien *in loco* u kif jirriżultaw fl-iskizz. Xejn ma jiswa lill-appellant illi huwa kien għamel xi perizja *ex parte* wara li ġew konklużi l-provi u ġie ppreżentat u maħluf ir-rapport li biha hu jippretendi li jista' jistabbilixxi li l-inċident seħħ f'parti oħra tat-triq li ma kinitx dik li identifika l-perit legali. Mhux biss din il-perizja *ex parte* ma teżistix bħala prova u ma ġietx prodotta fl-atti - *quod non est in actis non est in mundo* - imma hu ċar li mhux konsentit lill-attur appellant li jipproduċi rapport peritali *ex parte* - anke kieku dan effettivament sar - fil-mument meta ttanta li jiproduċih. Rapport simili ma setax ikun ħaġa oħra ħlief prova *ex parte* u din ma setgħetx tiġi prodotta jekk mhux fil-mument ġust u proprju li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippermetti għall-produzzjoni tagħha. U f'dan l-aspett din il-Qorti qed tipprexindi mill-fatt li sa dak iż-żmien anteċedenti għall-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995, prova ta' perizja *ex parte* ma kinitx permessa bil-liġi li tiġi prodotta;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jistabbilixxi bi preċiżjoni l-*iter* li kellha tkompli tieħu l-kawża wara li jiġi ppreżentat ir-rapport tal-perit legali. Il-Qorti kellha tagħti żmien u opportunità lill-partijiet li jagħmlu s-

sottomissjonijiet tagħhom fuq ir-relazzjoni (artikolu 673). Dan il-Qorti, fil-każ taħt eżami, għamlitu *expressis* billi tat il-fakoltà lill-kontendenti li jagħmlu nota ta' osservazzjonijiet kif jidher mill-verbal tat-18 ta' Marzu, 1994. L-attur li kien kjarament il-parti aggravata bir-relazzjoni peritali deherlu li ma kellux jieħu l-opportunità li kienet qed ittih il-Qorti biex jikkritika r-rapport fosthom l-aktar partijiet li dwarhom kien qed jillamenta f'dan l-appell;

Nuqqas dan, li fuqu u fuq il-konsegwenzi negattivi tiegħu, ma jistax ilum ħlief lilu nnifsu billi n-nuqqas ta' difiża f'dak il-mument kruċjali tal-kawża ma seta' bl-ebda mod jiġi addebitat għal xi ħtija ta' l-Ewwel Qorti. Jekk xejn, dik il-Qorti kienet aktar minn indulġenti ma' l-attur li tagħtu din l-opportunità meta ma kienx f'posizzjoni li jagħmel sottomissjonijiet orali kritiċi tar-rapport għax hu kien sprovvist minn assistenza legali fis-seduta mħollija mill-Qorti għal dan il-fini. Minflok għamel is-sottomissjonijiet li kellu jagħmel, l-attur deherlu li kellu jinħela f'numru ta' rikorsi inutili biex jittanta jġib prova li l-liġi espressament kienet tipprekludih milli jġib f'dak l-istadju. Infatti, l-artikolu 679 tal-Kap. 12 jipprovdi li meta tiġi mogħtija lill-perit il-fakoltà li jirċievi dokumenti jew jisma' xhieda - kif kellu fil-każ taħt eżami l-perit legali - ma setgħux jinġiebu quddiem il-Qorti dokumenti ġodda jew xhieda oħra dwar l-oġġett tal-perizja (jekk mhux f'każijiet eċċezzjonali indikati fl-artikolu 150 u 208 li ma jokkorrux f'dan il-każ);

Il-liġi kienet tipprovdi rimedji speċifiċi lill-attur biex jikkritika l-operat tal-periti. Kellu dritt li jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali u quddiemhom kien ikollu l-opportunità li jissottometti l-kritika tal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali li ttanta jagħmel barra minn lokha quddiem l-Ewwel Qorti. Kien ikollu l-opportunità mhux biss ta' opinjoni teknika oħra ta' tlett espert, imma ukoll il-jedd li jinsisti li jsir aċċess ieħor fil-presenza tiegħu immirat biex ixejjen id-dubbji li jassillawh fir-

rigward tal-lokalità preċiża fejn ġrat il-ħabta. Dan l-attur deherlu li ma kellux jagħmlu. Lanqas ma deherlu li kellu almenu jeskuti l-periti kif konsentit lilu fis-subinċiż (1) ta' l-artikolu 680. "Il-periti jistgħu jiġu eżaminati u kontro-eżaminati fuq ir-rapport tagħhom bl-istess mod tax-xhieda". Din l-eskussjoni tal-perit legali quddiem il-Qorti hi wieħed mill-aktar mezzi effikaċi biex tiġi skossa l-prova żbaljata li kienet tikkostitwixxi opinjoni f'relazzjoni peritali bbażata fuq fatti mhux preċiżi. L-attur ma setax ma kienx konsapevoli tal-prinċipju li l-Qorti ma kinitx marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjonijiet tagħha (artikolu 681);

L-attur appellant għalhekk deherlu li ma kellux jagħmel użu mill-mezzi li l-liġi kienet tqiegħdlu għad-disposizzjoni tiegħu biex jinnewtralizza l-prova li saret permezz tar-rapport tal-perit legali. Dik il-prova għalhekk tibqa' valida. Xejn ma jiswa lill-attur appellant li jilmenta min-nuqqas ta' serjetà ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati fil-proċeduri tar-rikorsi tiegħu meta hu kien qiegħed jittanta rimedju li ma kienx skond il-liġi idoneu għal dik iċ-ċirkostanza. Din il-Qorti ukoll la tapprezza s-suġġeriment li l-Ewwel Qorti kienet taħt xi obbligu li taċċerta li r-rikorsi ta' l-appellant jiġu ggwidati minnha sa eżitu favorevoli meta dan l-obbligu hu kollu kemm hu fuq ir-rikorrent kif lanqas tapprezza l-lament li l-Ewwel Qorti ttrattat din il-kawża b'xi għaġġla żejda meta tqis li l-meritu hu wieħed ta' sempliċi kolliżjoni stradali bla kumplikazzjoni li dam kważi sitt snin biex jiġi deċiż minn Qorti ta' Prim'Istanza;

L-aggravju ta' l-appellant jirriżulta għalhekk insostenibbli għaliex fuq il-provi kif jirriżultaw prodotti - inkluża dik magħmula mir-rapport peritali - din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni diversa minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.